2024/292

19.1.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/292

tat-18 ta' Jannar 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217 li jikkonċerna l-perjodu ta' deroga u l-pesti ta' tħassib għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw mill-Ġappun

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 30(1), 40(1) u 41(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li l-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni minn ċerti pajjiżi terzi hija pprojbita. F'konformità mal-punt 1 tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., għajr il-frott u ż-żrieragħ hija pprojbita.

(2) F'ċerti kundizzjonijiet, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1217 ([3]) jippermetti l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw fil-Ġappun (il-"pjanijiet speċifikati") permezz ta' deroga mill-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217, id-deroga prevista f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023.

(4) Fit-13 ta' Ottubru 2023, il-Ġappun ressaq talba lill-Kummissjoni biex tiġi estiża d-deroga prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217.

(5) L-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni, soġġetta għar-rekwiżiti rispettivi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217, kif applikat b'mod effettiv mill-Ġappun, ippreżentat riskju fitosanitarju negliġibbli għat-territorju tal-Unjoni.

(6) Id-deroga prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217 jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2024, biex ikun hemm biżżejjed żmien biex jiġi vvalutat bis-sħiħ ir-riskju ta' dawk il-pesti li ma jkunux għadhom ġew ikklassifikati fil-listi ta' pesti ta' tħassib bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni. Dik il-valutazzjoni se tippermetti li l-Kummissjoni tikkonkludi jekk id-deroga għandhiex tieqaf tapplika jew il-pjanti speċifikati għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 dwar l-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj?locale=mt.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1217 tal-25 ta' Awwissu 2020 dwar deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li tikkonċerna l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw fil-Ġappun, u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2002/887/KE (ĠU L 277, 26.8.2020, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1217/oj).

(7) Barra minn hekk, l-Opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tal-15 ta' Marzu 2019 ([4]) ikkonkludiet li l-pjanti ta' *Chamaecyparis* Spach u *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr) jospitaw ukoll lill-pest *Urocerus japonicus* (F. Sm.). Għal din ir-raġuni, dak il-pest jenħtieġ li jiġi elenkat fl-Anness ta' dak ir-Regolament bħala pest ta' ħassib għal dawk il-pjanti.

(8) Sabiex jiġi evitat tfixkil fl-importazzjoni u tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-kummerċ lil hinn mid-data tal-iskadenza tad-deroga skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għal dik ir-raġuni, u sabiex tiġi evitata kwalunkwe lakuna legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1217 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, it-test jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-deroga prevista fl-Artikolu 2 tapplika għall-pjanti speċifikati importati fl-Unjoni fil-perjodi li ġejjin:

(a) *Chamaecyparis*: mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2024;

(b) *Juniperus*: mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2024;

(c) *Pinus* L.: mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2024."

(2) L-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2019. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of black pine (*Pinus thunbergii* Parl.) bonsai from Japan. *EFSA Journal* 2019;17(5):5667, 184 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5667.

ANNESS

Emenda għall-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217

Fil-punt 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217, il-punti (b) u (c) jinbidlu b'dan li ġej:

"(b) għall-pjanti ta' *Chamaecyparis*:

(i) *Popillia japonica* Newman,

(ii) *Urocerus japonicus* (F. Sm.),

(iii) kull pest ta' kwarantina ieħor jew pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhux magħruf li jeżisti fl-Unjoni;

(c) għall-pjanti tal-Pinus *parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr):

(i) *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner u Bührer) Nickle et al.,

(ii) *Coleosporium paederiae* Dietel ex Hirats. f.,

(iii) *Crisicoccus pini* (Kuwana),

(iv) *Cronartium kurilense* (Dietel) Y. Ono,

(v) *Cronartium quercuum* (Berk.) Miyabe ex Shirai,

(vi) *Dendrolimus sibiricus* Chetverikov,

(vii) *Dendrolimus spectabilis* (Butler),

(viii) *Dendrolimus superans* Butler,

(ix) *Monochamus* spp. (popolazzjonijiet mhux Ewropej),

(x) *Pissodes nitidus* Roelofs,

(xi) *Popillia japonica* Newman,

(xii) *Pseudocercospora pini-densiflorae* (Hori & Nambu) Deighton,

(xiii) *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye,

(xiv) *Urocerus japonicus* (F. Sm.),

(xv) kull pest ta' kwarantina ieħor jew pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhux magħruf li jeżisti fl-Unjoni;".